**QORTI KRIMINALI**

**Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip Matr., (Can), Ph.D.**

**Att ta' Akkuza numru: 55/2023**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Wilder Lopez Garcia**

**<u>Illum, 11 ta' Lulju 2025</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra **Lopez Garcia Wilder** iben Orlando Lopez Moreno u Adeila xebba Garcia De Lopez, imwieled ġewwa l-Kolombja fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija u tnejn u sebgħin (1972), residenti ġewwa Calle Ramon Rubial 23, Madrid, Spanja, detentur ta' Passaport Kolombjan bin-numru EP027453, bin-numru ċellulari 9977 1900, l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta jgħid:

**<u>L-EWWEL (1) KAP</u>**

***<u>Assocjazzjoni ghat-traffikar tad-droga Kokajina</u>***

**<u>Il-fatti</u>:**

Illi f'Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012) u fid-disa' (9) xhur ta' qabel **Wilder Lopez Garcia,** minn issa l-quddiem jissejjaħ l-akkużat**,** xjentement iddeċieda li jassoċja ruħu

ma persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta, bil-għan illi tiġi ttraffikata d-droga kokajina f'Malta;

Illi fl-imsemmi perjodu waqt li l-iskwadra ta' kontra d-droga kienet għaddejja bl-investigazzjonijiet tagħha daħlitilha nformazzjoni fuq diversi persuni li minn aktar stħarriġ irriżulta li lkoll kienu b'xi mod jew ieħor assoċjati flimkien, biex tiġi ttraffikata d-droga kokajina ġewwa Malta. Illi din l-informazzjoni skattat meta fis-sebgħa (7) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tnax (2012) il-Pulizija mill-iskwadra ta' kontra d-droga, arrestat lil ċertu Alexander Restrepo Diaz waqt li kien dieħel fl-ajruport ta' Malta jġorr fuqu sustanza ssuspettata droga, b'dana li minn eżamijiet ulterjuri rriżulta li filfatt din is-sustanza kienet tikkonsisti f'ħames mitt (500) grammi droga kokajina. Illi bis-saħħa ta' din il-qabda droga kif ukoll ta' stħarriġ ulterjuri relatat ma din il-qabda ta' droga, il-Pulizija estendiet l-investigazzjoni tagħha fuq l-akkużat.

Illi madwar kważi xahar wara,  senjatament fil-ħdax (11) ta' Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012), l-iskwadra tal-Pulizija ta' kontra d-droga arrestat ġewwa l-ajruport ta' Malta, din id-darba żewġt nisa barranin ta' nazzjonalita' Kolumbjana, ċertu Sandra Castano u Olga Lucia Rativa Restrepo, li fuqhom irriżulta li kellhom sustanza ssuspetta droga. Illi minn eżamijiet ulterjuri, il-Pulizija kkonfermat li t-tnejn li huma flimkien kienu filfatt qed iġorru ħames mitt (500) grammi droga kokajina. Illi minn aktar stħarriġ irriżulta li l-akkużat kien involut ukoll f'din l-importazzjoni tad-droga kokajina. Illi jingħad li waqt l-investigazzjoni waħda minn dawn in-nisa kkonfermat li l-ftehim biex tiddaħħal id-droga f'Malta kien sar mal-akkużat Wilder Garcia Lopez. Illi kien hawnhekk li l-Pulizija ta' kontra d-droga, iddeċidiet li tinterċetta lill-akkużat b'dana li fl-għoxrin (20) ta' Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012) arrestatu mill-ajruport ta' Malta fi triqtu lejn Milan.

Illi l-akkużat ftit li xejn ikkowopera mal-Pulizija fejn prattikament ma lissen u/jew forna l-ebda informazzjoni magħhom. Illi mill-informazzjoni li l-Pulizija ġabret mill-investigazzjonijiet tagħha, irriżulta li f'dak il-perjodu l-akkużat kien qed jagħmel użu minn fond ġewwa Buġibba f'liema fond kienet qed tinħadem id-droga kokajina qabel

ma toħroġ fis-suq klandestin għal bejgħ. Illi dan il-fatt ġie kkonfermat hekk kif se jiġi spjegat. Illi għalkemm l-akkużat baqa jannega li qed jagħmel użu minn fond fl-akwati ta' San Pawl Il-baħar, bi ċwievet li ġew elevati minn fuq l-akkużat, kif ukoll bis-saħħa ta' ritratti li kien hemm fuq iċ-ċellulari li wkoll ġie elevat minn fuqu, il-Pulizija ssoktat bl-investigazzjoni tant li rnexxielha tittraċċja u tiddentifika l-appartament li kien qed juża l-akkużat Wilder Lopez Garcia b'dana li l-Pulizija rnexxielha tiftaħ l-imsemmi fond appuntu biċ-ċwievet li ġew elevati minn fuqu.

Illi b'riżultat ta' tfittxija li saret f'dan l-appartament, dejjem fil-preżenza tal-akkużat, il-Pulizija elevat, fost affarijiet oħra, pressa mdaqqsa ħamra, liema pressa, skont l-investigazzjoni li saret, kienet qed tintuża mill-akkużat u l-assoċjati ta' miegħu biex jippressaw d-droga kokajina ġewwa kapsoli apposta, b'dana li tali forom ġew elevati minn ġewwa kexxun fil-kċina tal-appartament. Illi konferma w prova oħra li l-appartament kien qed jużah l-akkużat huwa il-kuntratt tal-kirja ta' dan il-fond, li wkoll ġie elevat mill-Pulizija, f'liema kuntratt tal-kirja hemm imniżżel l-isem tal-akkużat u s-sidien tal-fond, b'dawn tal-aħħar jikkonfermaw bil-ġurament l-istess kirja.

Illi minn investigazzjonijiet ulterjuri rriżulta li ċertu Oscar Alonso Zapata Mera u Alexandra Zvanca, kellhom diversi kuntatti kemm fi Spanja kif ukoll l-Ollanda bl-iskop ewlieni tagħhom ikun li jimportaw id-droga kokajina minn dawn il-pajjiżi ġewwa Malta bil-għan li tiġi ttraffikata f'dawn il-Gżejjer. Illi l-mezz miftiehem biex tiġi mportata d-droga jkun permezz tal-ajru bl-użu ta' diversi couriers, li mill-investigazzjoni rriżulta li fost dawn il-couriers, hekk kif appena rajna fil-bidu ta' dan il-Kap, hemm ċertu Olga Lucia Rativa Restrepo u Sandra Castano, kif ukoll Alexander Restrepo Diaz, li lkoll kemm huma importaw id-droga kokajina fuq l-istruzzjonijiet tal-akkużat, bl-irwol tiegħu f'din l-assoċjazzjoni jkun li jieħu ħsieb l-imsemmija couriers u l-ġbir tad-droga, dejjem bi ftehim mal-imsemmija Mera u Zvanca, fost oħrajn, biex finalment tiġi ttraffikata hawn Malta.

Illi l-ftehim kien li malli d-droga kokajina tasal Malta, l-akkużat kien jieħu ħsieb li jiġborha u jippreparaha bil-għan li jforniha jew jiprokuraha lir-*runners* tiegħu biex

finalment tiġi mibjugħa. Illi minn aktar stħarriġ irriżulta li fost dawn l-imsemmija runners kien hemm ukoll ċertu Mario Mifsud u Etienne Ciantar, it-tnejn li huma xufiera ta' taxi, b'dana allura kien ikun faċli għalihom, u fl-istess ħin ma jagħtux fil-għajn, li kemm Mario Mifsud u Etienne Ciantar, bħala parti minn dan il-ftehim, kienu nkarigati wkoll mill-akkużat u l-imsemmija persuni biex jieħdu ħsieb it-traġitti minn u lejn l-ajruport ta' Malta, ta' dawn il-couriers. Illi l-pjan kien miftiehem u maqbul bejn l-akkużat, Oscar Alonso Zapata Mera u Alexandra Zvanca u Wilder Garcia Lopez, b'dawn it-tlieta jkollhom l-irwol prinċipali f'din l-assoċjazzjoni, kif ukoll bl-għajnuna tal-imsemmi Alexander Restrepo Diaz, Mario Mifsud u Etienne Ciantar, li lkoll kemm huma kienu ltaqgħu flimkien biex jitfassal l-imsemmi pjan, bil-ftehim aħħari ikun dak li jiġu ttraffikati l'fuq minn kilogramma (1kg) tad-droga kokajina fix-xahar.

Illi d-droga kokajina hija meqjusa bħala mediċina perikoluża u hija regolata taħt it-Taqsima IV tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, il-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi b'għemilu l-akkużat Wilder Lopez Garcia sar ħati talli f'Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012) u fid-disa' (9) xhur ta' qabel, assoċja ruħu flimkien u ma' xi persuna jew persuni oħra f'dawn il-Gżejjer jew barra minn dawn il-Gżejjer sabiex jimpurtaw id-droga kokajina ai fini tat-traffikar tagħha f'dawn il-Gżejjer, u dana kontra d-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, jew li ppromwova, ikkonstitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċazzjoni;

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in vista tas-suespost u taċ-ċirkostanzi kollha hemmhekk imsemmija, jakkuża lill-imsemmi Wilder Lopez Garcia ħati talli f'Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012) u fid-disa' (9) xhur ta' qabel, assoċja ruħu flimkien u ma persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex tiġi ttraffikata d-droga kokajina f'Malta, dana bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;

u jitlob li jingħamel skont il-liġi kontra l-akkużat u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax–il elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-gvern kemm tal-oġġetti kollha li servew biex isir id-delitt kif ukoll ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u mmobbli oħra tiegħu hekk misjub ħati skont dak li hemm u jintqal fl-**artikoli 2, 9, 10, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)**, **22(2)(a)(i) (3A)(a)(b)(ċ)(d)**, **22(9), 22A, 24 , 24A 26** u **28** tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, **Kapitolu 101** tal-liġijiet ta' Malta u fl-**artikoli 23** u **533** tal-Kodiċi Kriminali, **Kapitolu 9** tal-liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-akkużat **Wilder Lopez Garcia**.

**<u>IT-TIENI (2) KAP</u>**

***<u>Importazzjoni tad-droga kokajina</u>***

Illi fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien kif indikati fl-ewwel Kap ta' din l-Att tal-Akkuża, senjatament l-arresti li saru ġewwa l-ajruport ta' Malta bejn Awwissu u Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012), bil-Pulizija taqbad f'temp ta' xahar kilo (1kg) droga kokajina, il-persuni li kienu qed iġorru l-imsemmija droga kkonfermaw l-involviment tal-akkużat biex ġegħelhom, jew għamel xi ħaġa biex jimportaw id-droga kokajina f'Malta.

Illi ma jirriżultax li l-akkużat **Wilder Lopez Garcia** għandu problema ta' droga u tenut kont ukoll iċ-ċirkostanzi tal-każ u l-ammont tad-droga kokajina mportata, li l-istess importazzjoni tad-droga kokajina ma' kienitx intiża għall-użu esklużżiv tiegħu;

Illi l-akkużat ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni jew liċenzja maħruġa mill-Liġi li tippermettilu jimporta din id-droga;

Illi b'għemilu l-akkużat **Wilder Lopez Garcia** sar ħati talli, importa jew ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa biex tkun tista' tiġi importata d-droga kokajina ġewwa Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew

esportazzjoni maħruġa mit-tabib prinċipali tal-ġvern skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima Erbgħa (IV) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura l-imsemmija droga, u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma kienu awtorizzat bir-Regoli tal-Liġi Sussidjarja 101.02 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi jew minn xi awtorita' apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jkollu l-imsemmija droga, dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tagħha skont riċetta kif provdut fl-imsemmija Regoli, u b'dan ir-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li tali importazzjoni ma' kinitx għall-użu esklużżiv tiegħu;

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in vista tas-suespost u taċ-ċirkostanzi kollha hemmhekk imsemmija, jakkuża lil **Wilder Lopez Garcia** ħati talli f'Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012) u d-disa' (9) xhur ta' qabel importa jew ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa biex tkun tista' tiġi importata d-droga kokajina ġewwa Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-tabib prinċipali tal-ġvern f'ċirkostanzi li juru li l-importazzjoni ma' kinitx għall-użu esklużżiv tiegħu, dana bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;

u jitlob li jingħamel skont il-liġi kontra l-akkużat **Wilder Lopez Garcia** u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax–il elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-gvern tal-oġġetti li servew sabiex isir id-delitt kif ukoll ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u mmobli oħra tiegħu, hekk misjub ħati, skont dak li hemm u jintqal fl-**artikoli 2, 9, 10, 12, 14, 15, 15A, 22(1)(a)**, **22(2)(a)(i) (3A)(a)(b)(ċ)(d)**, **22(9), 24, 26** u **28** tal-**Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi**, **Kapitolu 101** tal-liġijiet ta' Malta u fl-**artikoli 23** u **533** tal-Kodiċi Kriminali, **Kapitolu 9** tal-liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-akkużat **Wilder Lopez Garcia**.

## IT-TIELET (3) KAP

***Traffika billi forna u/jew ipprokura d-droga kokajina***

Illi fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien kif indikat fil-Kapi preċedenti ta' din l-Att ta' Akkuża u cioe f'Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012) u fid-disa' (9) xhur ta' qabel, l-akkużat **Wilder Lopez Garcia** ddeċieda bi ftehim ma' persuni oħra li jforni d-droga kokajina lil terzi biex tinbiegħ fil-Gżejjer Maltin;

Illi in esekuzzjoni ta' dan il-pjan premeditat u fil-kuntest taċ-ċirkostanzi hekk kif spjegati fl-ewwel Kap, senjatament u b'mod speċjali l-pressa li ġiet elevata mill-appartament li kien qed juża l-akkużat, biex tiġi ppreparata d-droga kokajina ġewwa kapsoli, kif ukoll il-qabdiet ta' droga li saru f'temp ta' xahar, l-akkużat kien qed iforni lil terzi persuni biex tinbiegħ ġewwa Malta l'fuq minn kilogramma (1 kg) ta' droga kokajina fix-xahar bl-għajnuna, hekk kif rajna fl-ewwel Kap ta' akkuża, ta' terzi persuni.

Illi kif appena indikat fl-ewwel Kap li kieku l-Pulizija ma ntervjenewx f'waqtu meta waqfu lil Olga, Sandra u lil Alexander, ġewwa l-ajruport, kieku dik il-kilogramma (1kg) ta' droga kokajina kienet ukoll tiġi ttraffikata u ċioe mibjugħa f'dawn il-Gżejjer skont il-ftehim li kien sar bejn il-partijiet kollha parteċipi f'din l-għaqda kriminuża.

Illi b'għemilu **Wilder Lopez Garcia** saru ħati talli f'Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012) u fid-disa' (9) xhur ta' qabel, forna, biegħ jew xort'oħra ttraffika d-droga kokajina mingħajr ma kellu liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-Liġi Sussidjarja 101.02 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi jew minn xi awtorita' apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jforni l-imsemmija droga, u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni għal-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-tabib prinċipali tal-ġvern skont id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura l-imsemmija droga, u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga;

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in vista tas-suespost u taċ-ċirkostanzi kollha hemmhekk imsemmija, jakkuża lil **Wilder Lopez Garcia** ħati talli f'Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012) u fid-disa' (9) xhur ta' qabel, forna, biegħ jew xort'oħra ttraffika d-droga kokajina bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;

u jitlob li jingħamel skont il-liġi kontra l-akkużati **Oscar Alonso Zapata Mera** u **Alexandra Zvanca** u illi jiġu kkundannati għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax –il elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u mmobli oħra tiegħu hekk misjub ħati skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli **2, 9, 10, 12 , 14, 22(1)(a)(1B)**, **22(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(ċ)(d)**, **22(9), 24, 26** u **28** tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi u **r-regoli 4** u **9** tal-**liġi sussidjarja 101.02** għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi u fl-artikoli **23** u **533** tal-**Kap 9** tal-Liġijiet ta' Malta, il-Kodiċi Kriminali, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta' **Wilder Lopez Garcia**.

**<u>IR-RABA (4) KAP</u>**

***<u>Hasil ta' flus</u>***

Illi fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u ż-żmien kif indikat fil-Kapi preċedenti cioe f'Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012) u fid-disa' (9) xhur ta' qabel, il-Pulizija kellha informazzjoni li **Oscar Alonso Zapata Mera** u **Alexandra Zvanca** kienu nvoluti fit-traffikar ta` droga kokajina u li bi ftehim ma ħaddieħor, kienu qed ibiegħu ammont sostanzjali tal-imsemmija droga u dan a skapitu tas-soċjeta' Maltija. Illi fil-fatt fil-kors ta` din l-investigazzjoni, ufficjali tal-Pulizija tal-Iskwadra ta' kontra d-droga għamlu osservazzjoni għal perjodu ta' żmien.

Illi mill-provi miġbura jirriżulta li saru diversi pagamenti tramite l-Western Union mill-persuni nvoluti fosthom l-akkużat **Wilder Lopez Garcia**, kif ukoll bis-saħħa ta'

studenti li f'dak il-perjodu kienu hawn Malta jistudjaw kif ukoll bis-saħħa ta' couriers, u dana dejjem sabiex id-dħul minn tali bejgħ tad-droga jibqa' ma jidhirx u jiġi riċiklat b'mod klandestin.

Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi toħroġ stampa u sitwazzjoni ċara li kien hemm attivita jew attivitajiet kriminali (traffikar ta` droga) sottostanti li minnhom inkisbu dawn il-flejjes li kienu taħt il-kontroll u pussess tal-akkużat **Wilder Lopez Garcia**.

Illi b'għemilu l-akkużat **Wilder Lopez Garcia**, abbażi tal-fatti suesposti u għaċ-ċirkostanzi kollha hemmhekk imsemmija, sar ħati talli, f'Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012) u fid-disa' (9) xhur ta' qabel f`Malta, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jkunu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, ikkommetta d-delitt ta' ħasil ta' flus u ċioe:

(i) il-konversjoni jew trasferiment ta' proprjetà meta wieħed ikun jaf jew jissuspetta li dik il-proprjetà tkun direttament jew indirettament inkisbet minn, jew mir-rikavat ta', attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali, għall-iskop ta' jew skopijiet ta' ħabi jew wiri ħaġa b'oħra tal-oriġini tal-proprjetà jew ta' għoti ta' għajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew konċernati f'attività kriminali;
(ii) il-ħabi jew wiri ħaġa b'oħra tal-veri xorta, provenjenza, lok, dispożizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjetà, meta wieħed ikun jaf jew jissuspetta li dik il-proprjetà tkun inkisbet direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;
(iii) l-akkwist, pussess jew użu ta' proprjetà meta wieħed ikun jaf jew jissuspetta li l-istess proprjetà tkun inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;
(iv) ir-ritenzjoni mingħajr skuża raġonevoli ta' proprjetà meta wieħed ikun jaf jew jissuspetta li l-istess proprjetà tkun inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;

(v) it-tentattiv ta' xi ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii) u (iv) ta' hawn fuq, u dan fit-tifsir tal-artikolu 41 tal-Kodiċi Kriminali;
(vi) l-aġir bħala kompliċi fit-tifsir tal-artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali rigward xi waħda mill-ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii), (iv) u (v) ta' hawn fuq.

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in vista tas-suespost u taċ-ċirkostanzi kollha hemmhekk imsemmija, jakkuża lil **Wilder Lopez Garcia** talli f'Malta**,** f'Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012) u fid-disa' (9) xhur ta' qabel, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jkunu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, ikkommetta d-delitt ta' ħasil ta' flus, u dana bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta;

u jitlob li jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmi **Wilder Lopez Garcia** billi jiġi kkundannat għall-piena ta' tmintax-il sena priġunerija u għall-multa ta' mhux anqas minn ħamsin elf euro (€50,000) u mhux aktar minn żewġ miljuni u ħames mitt euro (€2,500,000) kif ukoll tal-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull proprjeta, rikavat, flejjes jew effetti mobbli jew immobbli oħra skont il-liġi u skont kif huwa stipulat u kif jintqal fl-artikoli **2**, **3**, **3(2A)(a)(i)**, **3(3)**, **3(5)(a)** u **4A** tal-Att kontra *Money Laundering* Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, fl-artikolu **22(1C)** tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll fl-artikoli **17**, **18**, **23**, **23A**, **23B**, **31** u **533** tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Kodiċi Kriminali, jew ta' kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta' **Wilder Lopez Garcia**.

Rat in-nota ta eccezzjonijiet prezentata mill-akkuzat nhar il-11 ta' Dicembru, 2023 fejn fl-ewwel lok u prliminarjament ecepixxa in-nullita tal-Att ta Akkuza fl-intier taghha gha-segwenti raguni: -

1. Fl-ewwel net wiehed jirrimarka li l-Att ta Akkuza giet dramattizzat b'mod li l-gurati ser jinghataw impressjoni li b'mod immedjat ser tixhet dawl ikrah fuq l-esponenti u per konsegwenza dan zgur li ser jippregudika

irrimedjabbilment il-process tal-isess esponenti mill-bidu nett. Dan huwa rifless car fil-mod ta' kif inhu redatt l-Att ta' Akkuza li zgur ser tiddisturba s-serentita tal-gudizzju tal-gurati u ghalhekk johloq pregudizzju ta' smiegh xieraq.

Wiehed jibda billi jghid li ma jkunx qighed jonqos meta jghid li l-Att tal-Akkuza kif intrpost gie dramattizat b'tali mod li l-gurati jinghataw mpressjoni li b',od immedjat ser jitfa dawl ikrah fuq l-esponenti liema agir u per konsegwenza dan jista jippregudikairremdijabilment il-process tieghu mill-bidu net. Dan qed jinghad ghaliex l-mod ta kif gie redatt l-Att tal-Akkuza zgur li ser jiddistrurba s-serenita tal-gudizzju tal-gurati u ghaldaqstant johloq pregudizzju ta' smiegh xieraq haga li hija bazilari ghas-saltna tad Dritt.
Dan jidher car ukoll ghaliex bl-akbar risptt l-Avukat Generali fl-Att ta;l-Akkuza konvenjentement ghazel li jhalli barra dawk id-dettalji kollha li jimmilataw favur l-esponenti. Il-gurati ser jithallew fl-ghama minn informazzjoni bazilarju fundamentali. Dan qed jinghad stante li l-fatt li mkien fl-inkartament tal-Att tal-Akkuza ma hemm rferenza ghal mod reponsabbli ta kif l-esponenti dejjem agixxa u li kkopera mal-ufficcjali proskuturi. Lanqas ma intqal li l-esponenti minkejja li kien jignhata permess li jsiefer dejjem deher ghas-seduta u dejjem rritrona lura Malta u dan sabeix il-Gustizzja tiehu l-kors taghha.

Illi mingharj pregudizzju ghas-suspost, l-esponenti jecepixxi in-nulita tal-ewwel kap tal-akkuza u it-tieni kap tal-akkuza u dan stante li l-fatti indikati mill-Avuakt Generali gew dramattizzati aktar milli mehteig bl-iskop l l-gurati kjinghataw impressjoni li b'mod imedjat ser tixhet dawl ikrah fuq l-esponentiu per konsegwenza tista tipprgudika irrimedjabilmnent il-process tieghu mill-bidu net.
Illi kif jidehr car mill-modta kif nhuwaskrit l-ewwel u it-tieni kap tal-akkuzahawn suciotati si tratta ta kapi li l-aspett evidenzjarju li fuqhom sejjes l-argumetnazzjonit ighu l-umli Avuat Generali huma fil-maggor parti

assoluta taghhombbazati fuq xhieda moghtija minn Alesander Restrepo Dias, Olga Lucia Rativa Restrepo u Sandra Castano. Bir-rispett kollu l-Avukat Generali kellu u ghandu l-0obbligu li jindika l-fatt li tali Alexander Restrepo , Olga Lucia Rativa Restrepo u Sandra Castano fil-mument tar-rilaxx kemm tal-istqarrija kid ukoll id-deposizzjoni rlattivi kieumeqjusa bhala bnedmin suspettati. Tant huwa minnu dan insenjalat da parti tal-esponenti li fl-istanzi li fihom tali Alender Restrepo Dias, Olga Lucia Rativa Restrepo u Sandra Castano effettivament irrilaxxjaq l-istqarrija relattiva li huma kienu divesi drabi imwissija li b'dal li ser jghidu kellhom il-possibilta li jinkrimianw ruhhom u li b'hekk kien hemm cans li jigu anke akkuzati b'reati kriminali ukoll.

Ili wiehed kin jistenna li dan kollu jigi spjegat fin-narrattiva tal-Att tal-Akkuza da parti tal-Avguakt Generali sabeix konsegwentment wiehed jkun jsita jifhem dan kollu li intqal da parte ta' l-sitess Alexander restrepo Dias, Olga Lucia Rativa Restrepo u Sandra Castanoirid jkun meqjus b'reqa u kawtla stant l-fatt lil-posizjoni prekarja li huma kienu jinsabu fiha f'dan l-istadju u cioe li huma potnzjalment setghu jindkriminaw ruhhom b'dak kollu l jghidu ifiser li humja kellhom motivi kollha sabiex jaraw kif ser jispostjaw r-responsabilita penali minn fuq persunthom ghal fuq terzi u cioe ghal fuq inter alia l-sponenti. Dan ukoll fid-dawl ta weghdiet li l;-istss prosekuzzjoni kient u ghadha taghmel sal guranta tal illum.

Illi dan ma giex indikat da part tal-Avuakt Generaliu b'hekk mta l-gurati jkollhom f'idejhom l-inkartament tal-Att tal-Akkuz huma mhux ser ikunu f'posizzjoni japprezzaq il-fatt li l-ewwel zewg kap tal-Att tal-Akkuz jemrgu a bazi ta dak mistqarr minn prsuni li mhumiex l-aktar xhieda kredibli in vista tax-xirkostanzi. B'hekk huma potenzjalment jsitghuikunu prgudikati stant li jaf jikkunsidraw bhala ben fatt dak li in fatti jaf mhux minnu. L-Avuakt Generali li kif del resto jaf ghandu ir-rwol li jissalvagwardja is-Saltna tad Dritt u li johrogil-vrita. B'hekk huwa ghandu jkun preciz u holistiku bil-mod kif

jifformola l-Att tal-Akkuz sabeix ma jkunx hemm lok ghal ingustizzja bla bzonn.

Illi haga li l_avuakt Generali naqas li jindika hija l-fatt li l-ufficcjali investigattivi kienu gja accede fil-fond u dan mhux fil-presenza tal-esponent. Dan galiex ma l-esponent fl-sitess fond kienu jghixu persuni ohrajn u dan kif rrisulta ben tajjeb waqt il-kumpilazzjoni.

L-Avuakt Generali mhux qed kun korrett meta qed jippresenta xi ritratti li huma bazikament messa in xena. Dan qed jignhad ghaliex fist ir-ritratti esebiti hemm xi ritratti muntati sabeix jippruvaq jifghu dell ikrah fuq l-esponent. Fost dawn insibu ritratti fejnjuru kapsola pogguta fuq forma u allegat bottijiet li ma kienux hemm.

Illi l_Avuakt Generali jonqos ukoll milli jindika f'hiex waslu l-proceduri ta Mario Mifsud u Etienne Ciantar. Skond l-istss Avuakt Generali dawn kienu b'xi mod konsapevoli u addirittura parti minn ftehim sabiex tiddahhal id-droga ahwn Malta.

L-Avukat Generali jonqos ukoll milli jidnika l-fatt li l-unika haga li fuq qed jibbaza l-akkuzi tieghu huwa fuq il-fatt li nstabet pressa fl-appartament tal-sponent. L-esponent kien ta spejgazzjoni dwar l-istess pero l-prosekuzzjoni minkejja li ghaddew tlttax-il sena naqset li tressaq l-persuni li firnew u waslu l-istes pressa lill-esponent.

> Illi mingharj pregudizzji ghall-ecezzjonjiet precedent qed titqajjem l-inammissibilita ta' dawk il-partijiet tax-xhieda tal-istess Alexander Restrepo Dias Olga, Lucia Rativa Restrepo u Sandra Castanofejn hwua esprima fatti mhux sostanzjati Ta min jirriamrkal-istes spersuni waqt controlld delivery anqas biss

gharfu lill-esponent u dan biex wiehed juri kemm l-istqarrijiet kienu gew fabbrikati.

Semghet lill-partijiet jittrattaw l-eccezzjonijiet fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2025.

**Ikkunsidrat,**

Ghalhekk fis-succint l-akkuzat ipprezenta zewg eccezzjonijiet wahda dwar in-nullita tal-Kap tal-Akkuza u dan ghaliex l-kapi tal-akkuzi fihom materjal li fil-fehma tieghu jistghu jitfghu dell ikrah fuqu u li in effetti jistghu jippregudikawlu s-smiegh xieraq tieghu. Fit-tieni lok qed jitlob l-inammissibilita ta' partijiet mix-xhieda moghtija minn Alexander Restrepo Dias Olga Lucia Rativa Restrepo u Sandra Castano fejn huma isemmu fatti li mhumix sostanzjati.

**L_ewwel eccezzjoni dwar in-nullita tal-kapi tal-akkuza**.

Din l-eccezzjoniji hija msejsa fuq l-proviso tas-subartikolu (5) tal-Artikolu 449 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u li jipprovdi hekk:

*'(5) L-inkompetenza tal-qorti u n-nullità tal-att tal-akkuża jistgħu jinġiebu wkoll 'il quddiem mill-qorti ex officio, sew qabel ma l-akkużat iwieġeb għall akkuża kemm wara l-verdett tal-ġuri:*

*Iżda, wara l-verdett tal-ġuri, l-att tal-akkuża ma jistax jiġi annullat ħlief f'wieħed jew ieħor mill-każijiet li ġejjin:*

*(a) meta r-reat fl-att ta' akkuża ma jkunx miġjub jew deskritt, fis-sustanza, bħal ma hu miġjub jew deskritt fil-liġi*
*(b) ; meta l-fatt miġjub fl-att tal-akkuża ma jkunx jikkostitwixxi, fis-sustanza, ir-reat miġjub jew deskritt f'dak l-att'*

Fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni preliminari, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmel Saliba**[1] fejn fuq dan il-punt il Qorti tal-Appell qalet hekk:

*'9. Issa, biex tirnexxi eċċezzjoni bħal din jeħtieġ li jirriżulta li l-fatti kif deskritti fl-Att ta' Akkuża jew fil-Kap ta' l-Att ta' Akkuża li jkun qed jiġi impunjat ma jkunux jikkostitwixxu fis-sustanza r-reat li bih ikun qed jiġi addebitat l-akkużat f'dak l-att jew f'dak il-Kap (ara **Appelli Kriminali Ir-Repubblika ta' Malta v. Aibrahim Bashir Ben Matue**, 15 ta' Frar 1996; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Gatt et**, 22 ta' Mejju 2003; **Ir Repubblika ta' Malta v. Dominic Bonnici**, 22 ta'April 2004). F'dawk is-sentenzi ġiet ċitata ġurisprudenza kopjuża ħafna fejn intqal ukoll li fl-eżami biex tara jekk il-fatti kif esposti humiex marbuta mal-parti akkużatorja, il-Qorti trid toqgħod fuq il- fatti kif miġjuba fl-Att ta' Akkuża u mhux fuq il-fatti kif jistgħu jirriżultaw mill-atti tal-istruttorja jew kif eventwalment jistgħu jirriżultaw fil-kors tal-ġuri.*

*10. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Frederick Joseph Grech** mogħtija minn din il-Qorti diversament komposta fit-28 ta' Diċembru 2009 intqal dwar l-imsemmi paragrafu (b) tal-proviso tas-subartikolu (5) ta' l artikolu 449: "Jibda biex jingħad li l-paragrafu (b) aktar 'l fuq imsemmi jitkellem dwar li l-fatt ma jkunx jikkostitwixxi "fis-sustanza" ir-reat li jkun ġie addebitat lill-akkużat, u għalhekk jekk dak il-fatt "fis-sustanza" – u mhux neċessarjament bl-użu ta' kliem preċiżi jew sagramentali – jammonta għar-reat dedott, ma jkun hemm ebda nullita` tal-Att ta' Akkuża (jew ta' xi kap partikolari tiegħu skond il-każ). L**-iskop kemm ta' din id disposizzjoni kif ukoll tal-paragrafu (a) tal istess proviso tas-subartikolu (5) tal-Artikolu 449 hu li minn banda l-akkużat ikun jaf sew biex qed jiġi***

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar it-2 ta' Mejju, 2013.

***akkużat u għalhekk għal x'hiex irid jiddefendi ruħu, u, fit-tieni lok, li persuna, wara l-verdett tal-ġurati – verdett li, fir-realta`, huwa dikjarazzjoni li ċerti fatti avveraw ruħhom – ma tiġix ikkundannata għal fatt li ma jammontax għal reat.***[2]*"*

Dan l-istess ragunament inghata ricentment fis-sentenza moghtija minn din l-istess qorti fl-ismijiet **Republika ta' Malta vs Deniro Magri** deciza nhar l-24 ta' Gunju 2024. Kif gie ritenut f'diversi sentenzi, in-narrativa tal-Avukat Generali ma torbotx u, xi haga li tirrigwardja fatt trid tigi determinata mill-Imhallfin tal-fatt u cioe' mill-gurati. In oltre, anke jekk jirrizultax ir-reat t'assocjazzjoni fil-konfront tal-akkuzat, hija xi haga li jridu jiddeciedu l-gurati u dan wara li jkunu gew indirizzati mill-Imhallef togat li jkun qed jippresedi l-guri. Issa jekk fin-narattiva l-Avukat Generali kien forsi entuzjast izzejjed fid-deskrizzjoni li ta din il-Qorti ser tispejga lil gurati b'mod car u elkwenti li in-narattiva ma torbtox lil gurati u mhux bilfors tirrifletti l-fatti fl-intier taghha u dan ghaliex hija biss narattiva. Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-akkuzat qed tigi michuda.

**It-tieni eccezzjoni inammissibilita ta' parti mix-xhieda ta' Alexander Represto Dias Olga Lucia Rativa Restrepo u Sandra Castano.**

Dwar il-kuncett ta' inammissibilta din il-Qorti tghaddi sabiex taghmel referenza ghas-sentenza fl ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Degorgio** et[3] fejn gie ritenut hekk:

> *'Issa meta l-Qorti tqies illi prova hija inammissibbli u ghalhekk tiskartaha, dik il-prova trid tkun tali illi tippresupponi xi disposizzjoni tal-liġi li teskludieha milli tinġieb 'il quddiem fil-proċess. Illi allura il-Qorti trid timxi b'cirkospezzjoni kbira sabiex tqies jekk il-prova li l-akkuzati qed ifittxu li jxejjnu tmurx kontra l-ispirtu tal-ligi li tirregola l-valur probatorju u l-ammissibbilita' taghha u mhux semplicement ghax huma jqiesuha bhala rrilevanti, kwistjoni din ta'l-ahhar li ghandha tigi*

[2] Enfasi ta din l-Onroabbli Qorti
[3] Deciza mill-Qorti Kriminali nhar it-30 t' Ottubru, 2020.

*rimessa biss ghal gudizzju tal-imhallfin tal-fatt u mhux lil din il-Qorti f'dan l-istadju tal-proceduri.' (enfasi ta' din il-Qorti)*

Jinkombi fuq il-Qorti Kriminali biex fl-istadju opportun tispjega lill-gurati l-piz li ghandha tinghata lix xhieda u ir-rilevanza tal-istess u dan skond ir-regoli stabbiliti fid-dritt penali ghar-rigward tal-apprezzament tal-provi. Illi allura il-Qorti trid timxi b'cirkospezzjoni kbira sabiex tqies jekk il-prova li l-akkuzat qed ifittex li ixejjen tmurx kontra l-ispirtu tal-ligi li tirregola l-valur probatorju jew l-ammissibbilita` taghha. Naturalment jekk huwa minnu li tali xhieda esprimew fatti li m'humiex sostanzjati u dan qed jinghad ghaliex l-akkuzat naqas li jiddentifika fejn sar dan, ser tkun din il-Qorti li tghid il gurati kif ghandhom jaghmlu apprezzament tax-xhieda li semghu u tal-provi mressqa minnhom. Din il-Qorti ma tistax f'dan l-sitadju taqbad u tiddikjara xi siltiet bhala inammissibli u dan ghaliex mhux necessarjament li dawn ix-xhieda ser jghidu l-istess haga quddiem din il-Qorti quddiem il-gurati u jekk jghidu xi affarijiet li m'humiex sostnuti ser tkun din il-Qorti li tispjega lil gurati l-portata u relevanza ta' tali xhieda. Din l-eccezzjoni qeda tigi ukoll michuda.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**
**Onor. Imhallef**

**Maria Grech**
**Deputat Registratur**